III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/427/PESK

tat-18 ta' Ġunju 2007

li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea fil-Bosnja u Ħerzegovina

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 18(5) flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Jannar 2006, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2006/49/PESK [1] li ħatret lis-Sur Christian Schwarz-Schilling bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Ħerżegovina.

(2) Fis-7 ta' Frar 2007, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2007/87/PESK [2] li emendat u estendiet, sat-30 ta' Ġunju 2007, il-mandat tas-Sur Christian Schwarz-Schilling bħala l-EUSR fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(3) Is-Sur Christian Schwarz-Schilling informa lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli li hu ma kienx ser jitlob l-estensjoni tal-mandat tiegħu lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2007.

(4) Abbażi ta' reviżjoni ta' l-Azzjoni Konġunta 2007/87/PESK, il-mandat tar-RSUE għandu jiġi estiż sad-29 ta' Frar 2008. Għalhekk għandu jinħatar RSUE ġdid fil-Bosnja u Ħerzegovina għall-bqija tal-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sad-29 ta' Frar 2008.

(5) Is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli rrakkomanda li s-Sur Miroslav Lajčák jiġi maħtur bħala r-RSUE l-ġdid fil-Bosnja u Ħerzegovina.

(6) L-Artikolu 49(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3] jipprevedi li l-atti bażiċi jistgħu partikolarment jieħdu l-forma ta' deċiżjoni skond l-Artikolu 18(5) tat-Trattat.

(7) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-objettivi tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Ħatra

Is-Sur Miroslav Lajčák huwa b'dan maħtur bħala r-Rappreżentant Speċjali ta' l-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Bosnja u Ħerzegovina għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sad-29 ta' Frar 2008. Huwa għandu jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skond il-mandat u l-modalitajiet stabbiliti fl-Azzjoni Konġunta 2007/87/PESK.

Artikolu 2

Finanzjament

1. L-ammont finanzjarju ta' referenza maħsub sabiex ikopri l-ispiża relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Lulju 2007 sad-29 ta' Frar 2008 għandu jkun ta' EUR 1 530 000.

[1] ĠU L 26, 31.1.2006, p. 21. Azzjoni Konġunta kif emendata l-aħħar mill-Azzjoni Konġunta 2006/523/PESK (ĠU L 207, 27.7.2006, p. 30).

[2] ĠU L 35, 8.2.2007, p. 35.

[3] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 1995/2006 (ĠU L 390, 30.12.2006, p. 1).

2. L-amministrazzjoni tan-nefqa għandha tkun suġġetta għal kuntratt bejn ir-RSUE u l-Kummissjoni. In-nefqa għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' 1 ta' Lulju 2007.

Artikolu 3

Reviżjoni

Ir-RSUE għandu jippreżenta lis-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni rapport komprensiv dwar l-implimentazzjoni tal-mandat sa nofs Novembru 2007.

Artikolu 4

Effett

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 5

Pubblikazzjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 18 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

F.-W. STEINMEIER